


STORJA TA' SUĊĊESS



IL-FORUM TAL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

STOP VIVISECTION



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA - FITTEX PARIR

| WERREJ

Stop Vivisection	3
Il-kampanja Stop Vivisection	4
L-impatt tal-kampanja Stop Vivisection	6



1


Stop Vivisection

L-inizjattiva Stop Vivisection kienet irreġistrata fit-22 ta' Ġunju 2012. L-għan tagħha kien li tipproponi qafas leġiżlattiv Ewropew immirat biex jitneħħew gradwalment l-esperimenti fuq l-annimali.

L-objettiv tal-inizjattiva kien doppju:

- li tiġi annullata d-Direttiva 2010/63/UE tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi
- li tippreżenta proposta ġdida biex isir obligatorju l-użu tad-data li b'mod dirett hija rilevanti għall-ispeċi umana.

Sorsi ta' finanzjament (€)



Il-Kummissjoni Ewropea kellha l-istess konvinzjoni tal-organizzaturi li l-ittestjar fuq l-annimali għandu jitneħħa gradwalment, iżda ma aċċettatx li prinċipji xjentifiċi jinvalidaw il-“mudell tal-annimali”. L-opinjoni tal-Kummissjoni hija li l-ittestjar fuq l-annimali ma jimpedixxix l-iżvilupp ta' metodi ta' riċerka alternattiva. Għalhekk il-Kummissjoni ma ħassritx id-Direttiva 2010/63/UE, billi kkunsidrat li hija diġà tippermetti progress lejn l-għan finali ta' sostituzzjoni sħiħa.

Din l-inizjattiva stabbilixxiet preċedent importanti peress li, għall-ewwel darba, esperti esterni kienu mistednin biex jikkellmu matul is-seduta pubblika fil-Parlament Ewropew flimkien mal-organizzaturi ta' Stop Vivisection.



Fatturi ta' suċċess

- Network wiesa' ta' volontieri
- Kampanja ta' komunikazzjoni aggressiva
- Użu massiv tal-media soċjali

2

Il-kampanja Stop Vivisection

Preparazzjoni

Il-kampanja Stop Vivisection kienet appoġġjata minn alleanza mal-UE kollha ta' aktar minn 250 grupp ta' protezzjoni tal-annimali, organizzazzjonijiet xjentifiċi u kumpaniji li jbigħu prodotti "ħelsin mill-moħqrija tal-annimali".

Network b'saħħtu ta' volontieri, li nbena qabel it-tnedija tal-inizjattiva u ssaħħaħ matul il-kampanja, kien essenzjali fil-ġbir ta' miljuni firma. "Kuntatti ġodda u esperjenzi li jnisslu fiduċja matul il-kampanja ppreparaw lil dawn il-volontieri għal proġetti simili fil-futur".

Il-kampanja wriet l-importanza tal-ippjanar ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ħafna minn qabel.

Implimentazzjoni

L-organizzaturi tal-kampanja użaw prinċipalment il-media soċjali biex jiġbdu l-attenzjoni tal-pubbliku. Madankollu, huma ħadu vantaġġ ukoll mill-għażliet ipprovduti mill-media tradizzjonali. Il-kampanja kisbet appoġġ konsiderevoli minn "kampanja televiżiva fl-Italja li kienet sponsorjata privatament."

Ġbir tal-firem


Fattur ewlieni fil-ġbir tal-firem ta' appoġġ kien l-istrategġija ta' tixrid segwita matul il-kampanja. L-organizzaturi żviluppaw networks sodi f'pajjiż wieħed, billi ġabru l-firem kollha possibbli u mbaġħad użaw dan il-pajjiż bħala lieva għall-wieħed li jmiss. Tassew, meta kienet maħluqa massa inizjali kruċjali ta' appoġġ, l-iffokar tal-kampanja mexxa fil-pajjiż li jmiss b'mod koordinat.



Aspett rilevanti ieħor għall-kampanja kien l-appoġġ minn organizzazzjonijiet lokali u nazzjonali. Kampanja purament Ewropea probabbilment ma kinitx tipprovdi l-istess suċċess. L-organizzaturi spjegaw li huma “serrħu fuq appoġġ [minn] individwi lokali.”

Il-fondi limitati tal-inizjattiva ħolqu sfidi speċifiċi relatati mal-issettjar tas-sistema ta' ġbir online. Madankollu, b'rispons għal dawn id-diffikultajiet iffaċċjati mill-organizzaturi matul il-fażi tal-bidu tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, il-Kummissjoni pprovdiet il-hosting tas-sistemi ta' ġbir online tal-organizzaturi skont ir-Regolament, kif ukoll iprovdiet assistenza u taħriġ tekniku. B'mod eċċezzjonali, il-Kummissjoni aċċettat ukoll dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin sal-1 ta' Novembru (lil hinn mit-12-il xahar uffiċjali) għall-inizjattivi rreġistrati kollha qabel il-31 ta' Ottubru 2012.

Kemm kemm anqas minn 60% tal-firem inġabru online, filwaqt li 40% inġabru fuq karta stampata.



Verifika u sottomissjoni

L-inizjattiva kienet sottomessa fit-3 ta' Marzu 2015 flimkien maċ-ċertifikati li kkonformaw il-validità tal-1,173,130 dikjarazzjoni ta' appoġġ.

3

L-impatt tal-kampanja Stop Vivisection

Eżaminazzjoni u deċiżjoni tal-Kummissjoni

Fil-11 ta' Mejju 2015 saret il-laqgħa mal-Kummissjoni. L-organizzaturi ltaqgħu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Jyrki Katainen u mad-Direttur Ġenerali għall-Ambjent. L-organizzaturi ppreżentaw ukoll l-inizjattiva tagħhom fis-seduta pubblika fil-Parlament Ewropew fl-istess ġurnata.

Fil-Kommunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Ġunju 2015 (ara l-istqarrija għall-istampa), il-Kummissjoni ntrabtet li tiegħu sensiela ta' azzjonijiet ta' segwitu:

- Il-progress aċċellerat fit-tliet Rs (Replacement, Reduction and Refinement – is-Sostituzzjoni, it-Tnaqqis u r-Raffinament) permezz tal-ixxerjar tal-għarfien;
- L-appoġġ għall-iżvilupp, il-validazzjoni u l-implimentazzjoni ta' approċċi alternattivi;
- Ir-rinfurzar tal-konformità mal-prinċipju tat-tliet Rs u l-allineament tal-leġiżlazzjoni rilevanti settorjali;
- L-involviment fi djalogu mal-komunità xjentifika.

Rigward l-aħħar punt, il-Kummissjoni organizzat konferenza xjentifika fi Brussell fis-6-7 ta' Diċembru 2016 biex tiddibatti dwar l-alternattivi għall-ittestjar tal-animali. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni rrapportat dwar il-progress tal-azzjonijiet ta' segwitu (ara r-rapport).

Aktar informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' segwitu tinsab fis-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

Skont l-organizzaturi, ir-rispons tal-Kummissjoni għall-inizjattiva ma laħaqx l-aspettattivi tagħhom.



| Segwitu

Il-mezzi ta' informazzjoni (eż. is-sit web u l-mezzi tal-media soċjali) li nbnew matul il-kampanja għenu wkoll lill-organizzaturi jaqsmu r-riżultati tal-kampanja wara li ġiet implimentata l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

Il-promozzjoni biex tieqaf il-vivisezzjoni ma spiċċatx bit-tmiem tal-kampanja għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Fil-fatt, "xi wħud mill-organizzazzjonijiet għadhom network dwar is-suġġett tal-esperimentazzjoni fuq l-annimali". In-network u s-sinerġiji maħluqa matul l-implimentazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ma jiqfux wara l-kampanja iżda fil-fatt jipprovdu l-potenzjal li jkomplu jikbru lil hinn sew minnha.



Lezzjonijiet miksubin

- Għall-organizzaturi, "il-kampanja bniet il-ħiliet ċiviċi u l-konnessjonijiet transnazzjonali tal-volontieri u saħħet l-identità Ewropea ta' dawk kollha involuti". Ir-rwol tal-persuni li bnew ħiliet bħal dawn kien meqjus importanti ħafna għall-kampanja.
- Minkejja d-diffikultajiet bis-sistema ta' ġbir online, huma kkunsidraw li l-ġbir online tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kien "kruċjali" għas-suċċess tal-inizjattiva fil-ġbir ta' miljun firma.
- Skont l-organizzaturi, "inizjattiva li tirnexxi għandha konklużjoni loġika waħda: il-bidla leġislattiva". Anki jekk dan mhux dejjem iseħħ, "inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej organizzata tajjeb hija eżerċizzju ta' għarfien pubbliku li se jikkontribwixxi għal bidla politika".
- Il-kampanja televiżiva sponsorjata privatament kienet element kruċjali tal-kampanja. Skont l-organizzaturi, huma "ma kinux jilhqax l-miljun firma meħtieġa" mingħajr din il-kampanja televiżiva.



Pariri u suġġerimenti għal organizzaturi futuri

- Il-volontieri huma r-riżorsa l-aktar importanti u b'saħħitha... oqogħdu fuqhom!
- Użaw l-għodod tal-komunikazzjoni online u tal-media soċjali fil-kampanja tagħkom.
- Aġġornaw lill-volontieri dwar il-ġbir tal-firem b'mod regolari biex issaħħulhom il-moral tagħhom u timmotivawhom.
- Strieħu fuq il-kuntatti u n-networks tas-sħab: huma l-qofol ewlieni tas-suċċess tal-inizjattiva.
- Iffokaw fuq pajjiżi fejn għandkom sħab sodi sabiex tilħqu l-livelli nazzjonali.

